MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' Settembru, 2003

Numru. 102/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs-**

**ANTHONY GALEA**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat ANTHONY GALEA bin Joseph u Philomena nee Sant residenti 9, Triq Dun Gwann Pullicino, Mosta detentur tal-karta tal-identita 89361 (M) gie imressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Nhar l-ghaxra ta’ Marzu, 2003 bejn l-ghaxra neqsin kwart ta’ filghodu u l-ghaxra u kwart ta’ filghodu minn fuq il-bahar bejn Ghawdex u Malta u/jew f’Imgarr Ix-Xini, Limiti Ta’ Sannat, Ghawdex, matul l-istagun maghluq ghall-kacca ta’ l-ghasafar kemm minn fuq il-bahar kif ukoll minn fuq l-art, ikkaccja jew ipprova jikkaccja ghal xi

ghasafar fosthom kwantita` ta' "GARGANEYS" (Sec 2 (a) (I) (c) L.N. 41/2003);

2. Talli f'distanza ta' tlett kilometri jew anqas mill-kosta, minn fuq Speed Boat numru S 9002 ikkaccja, jew ipprova jikkaccja (Sec 9 (g) (ii) (aa) L.N. 41/2003);

3. Talli garr fuq il-bahar, filwaqt li kien anqas minn tlett kilometri mill-kosta, kif ukoll f'Imgarr Ix-Xini, Sannat, Ghawdex, munizzjon u senter tal-marka Luigi Franchi Numru S 81621 ikkargat u/jew bl-iskratacc fil-magazine u/jew barra mill-ghata tieghu (Sec 9 (1) (a) (f) (g) (ii) (aa) (iii) L.N. 41/2003);

4. Talli kellu fil-pussess tieghu senter licenzjat biex jintuza ghall-kacca b'magazine li jistgha jkollu aktar minn zewg skratacc fl-istess hin (Sec 9 (2) (b) L.N. 41/2003);

5. Talli ikkaccjajt jew ippruvajt tikkaccja xi ghasafar b'mezzi elettronici u cioe` b'uzu ta' tisfir ta' ghasafar registrat (Pre Recorded Bird Calls) (Sec 9 (2) (B) L.N. 41/2003);

6. Talli fl-istess data, hinijiet u postijiet imsemmija kellu fil-pussess tieghu, spara jew uza skratacc ikkargati b'comb ta' daqs aktar minn 3.2mmm f'dijametru (Sec 19 L.N. 41/2003);

7. U aktar talli bhala persuna licenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex izzomm jew iggorr munizzjon u senter numru S81621 ghal skopijiet ta' kacca, naqas li jzomm l-istess senter u munizzjon fil-kustodja tieghu b'tali mod li setghu jigu f'idejn haddiehor (Sec 8 (1) Kap 66).

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 25 (2) (b) Avviz Legali 41/ 2003.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe` lil PS 1346 jixhed u qal illi l-imputat stqarr mieghu li dak in-nhar tal-ghaxra ta' Marzu, 2003 huwa kien gie minn Malta flimkien ma shabu Keith Micallef, Carmel Magro u Sammy

Grima u maghhom garrew is-snieter taghhom bl-iskratacc. Wara iltaqghu ma certu Carmel Spiteri li kien qed jiggaraxxja l-ispeedboat ta' Grima. Varaw id-daghjsa u marru jikkaccjaw fuq il-bahar il-hamsa li huma. L-imputat ammetta mieghu li kollha sparaw u qatlu papri, u huwa kien qatel aktar minn sitt papri. Illi x-xhud ghamel referenza ghan-notamenti tieghu waqt ix-xhieda u ghalhekk in kontro esami huwa esebixxa n-notamenti tieghu.

PS 1346 esebixxa senter tal-ghamla Luigi Franchi bin-numru S 81621 b'disgha skratacc fil-magazine.

Xehed l-Ispettur Antonello Grech li qal li minn ricerka li ghamel irrizultalu li l-imputat ghandu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex izomm u igorr erbgha armi fosthom dik esebita l-Qorti.

Xehdu ukoll PS 187 u PC 1506 li spjegaw kif ghamlu s-search f'Imgarr Ix-Xini u kif sabu l-oggetti relatati mal-kacca fosthom is-senter esebit f'dawn l-atti.

Il-Qorti innominat b'digriet taghha tat-tmienja ta' Mejju, 2003 lil Brigadier Maurice Calleja sabiex jezamina l-iskratacc esebiti f'dawn l-atti u nhar id-dsatax ta' Gunju, 2003 huwa ipprezenta r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala dokument MB.

Minn esami ta' din ir-relazzjoni jirrizulta li d-daqs tac-comb fl-iskratacc kien ta' 3.6mm u 4mm u cioe` akbar minn dak permess mill-ligi.

Il-Qorti semghet l-ammissjoni tal-imputat dwar ir-raba akkuza u dan fis-seduta tat-tmienja ta' Mejju, 2003.

Semghet lill-imputat Anthony Galea jixhed minn jheddu nhar is-sebgha ta' Awissu, 2003 u stqarr illi dak li PS 1366 qal dwaru ma kienx minnu fis-sens li hu kien tkellem b'dak il-mod lill-Ufficcjal tal-Pulizija ghaliex hu bezgha minnu u ghalhekk haseb li jekk jikkollabora mal-Ufficcjal tal-Pulizija, ma kienx ser jarrestah.

Id-difiza sostniet illi l-Qorti ghandha tiskarta dak li qal l-imputat a tempo vergine tal-investigazzjoni peress illi ma inghatax warning u ghalhekk dak kollu li qal ma jikkostitwiex prova fil-konfront tieghu.

Din il-Qorti, kif precedentement diga kellha okkazjoni tiddikjara fil-ligi taghna t-twissija mhiex rikjesta. Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza mghotija nhar il-hdax ta' Marzu, 1999 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Francis Xavier Cuschieri fejn gie deciz li;
*"Anke fl-assenza tal-caution, stqarrija, twegibiet jew konfessjonijiet huma ammissibbli bhala prova jekk moghtija volontarjament u ma jkunx hemm prova ghall-kuntrarju li jrendihom inammissibbli".*

Huwa minnu u korret li jinghad li ghal dan l-ahhar tletin sena, il-Qrati Maltin ta' gurisdizzjoni kriminali dejjem sostnew li persuna suspettata b'xi reat ghandha tigi mgharrfa bid-dritt taghha li tista ma twiegeb ghall-ebda domanda li ssirilha u li jekk taghzel li twiegeb allura dak li tghid jista jingieb bhala prova, jew li tista ma twiegeb ghall-ebda domanda jekk thoss li bir-risposta tista tinkrimina nnifisha. Huwa veru pero li tezisti gurisprudenza lokali li tirritjeni li l-konfessjoni jew twegiba ta' persuna suspettata hija ammissibbli bhala prova fil-proceduri quddiem il-Qorti avolja ma tkun inghatat din it-twissija (Il-Pulizija vs A. Cassar, Appell Kriminali deciz nhar it-tletin ta' Novembru, 1978).

Id-difiza ma gabet l-ebda prova sabiex tissostanzja l-allegazzjonijet taghha li l-imputat kien bezgha mill-ufficcjal salv dak li iddepona fil-pedana tax-xhieda.

Il-Qorti pero thoss li fic-cirkostanzi dak li qal l-imputat a tempo vergine huwa aktar rejali u attendibbli u ghalhekk il-Qorti sejra taghti l-apprezzament li jixirqilha tali xhieda.

Ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli fuq citati tiddikjara lill-imputat ANTHONY GALEA hati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba, il-hames, is-sitt u s-sebgha akkuzi u tikkundannah multa ta' mitejn lira Maltin (LM 200) u mhux hati tat-tieni akkuza

peress illi ma tirrizultax ippruvata b'mod soddisfacenti u tilliberah minnha.

Il-Qorti tordna l-konfiska tas-senter u skratacc esebiti f'dawn l-atti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------